MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Numru. 345/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Keith Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 345/2014**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzat kontra Keith Cassar ta' 24 sena, iben Paul u Antonia nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fl-1 ta' Marzu, 1990 u residenti fil-fond numr 51, Paulanette, Triq l-Akwedott, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 127390(M).

Akkuzat talli fis-26 ta' Marzu, 2013 ghal habta tas-6:45am f'Santa' Venera:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Joseph Portelli (K.I. 485360 M) bi ksur ta' l-Artikolu 225 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' fil-vettura ta' ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni HBM 116 propjeta ta' Joseph Portelli u/jew tal-werrieta tieghu u/jew ta' persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Saq vettura ta' l-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni SAM 203 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz bi ksur ta' l-Artikoli 15 (1) (a) u 15 (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Saq l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta' ma' kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi bi ksur ta' l-Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Ma' hax il-prewkazzjonijiet mehtiega meta kien qed jaqbez vetturi ohra bi ksur tar-Regolament 75 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;
6. u aktar talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta' Frar, 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli u/jew regolamenti:

a) 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 328(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) 75 ta’ l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994;
f) 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
g) 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-hames wahda, u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li nghata zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu. L-imputat irremmetta ruhu ghall-atti fir-rigward tal-hames imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-hames wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-hames imputazzjoni hija wahda ta’ natura kontravvenzjonali ghalhekk preskrivibbli bid-dekors ta’ tlett xhur mid-data li sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri.

Illi l-incident de quo sehh fis-26 ta' Marzu 2013; ic-citazzjoni giet prezentata f'l-4 ta' April 2014. Ma tirrizultax id-data meta l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni odjerna pero zgur li huwa gie notifikat wara l-4 ta' April 2014 ghalhekk ferm wara d-dekors tat-tlett xhur minn meta sehh l-incident.

Illi ghalhekk il-hames imputazzjoni hija preskritta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali ta'l-imputat li hija kwazi netta. Il-Qorti qed tiehu in kondsiderazzjoni ukoll il-fatt li fil-perjodu li sehh l-incident huwa kellhu problema b'l-abbuz ta' droga pero b'l-ghajnuna ta'l-ufficjal tal-probation (nominat precedentement) qed jindirizza din il-problema b'mod effettiv u jidher li saru kambjamenti pozittivi f'hajjtu. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll dak sottomess mill-parte civile cioe li ladarba l-imputat qed jirriabilita lilu nnifsu u sakemm huwa jibqa jiehu l-kura li ghandu bzonn jkunu sodisfatti b'sentenza sospieza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-hames imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikoli 225(1) u 328(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a) u 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' erbgha (4) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; qed tissospendi lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena (1); u b'applikazzoni ta'l-artikolu 533 tal-Kaptiolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett (3) snin ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' elfejn tlett mija u sitta u erghbin Euro (€2,346.00) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti. Il-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati f'l-1 ta' Frar 2013 u ghalihom tpogga taht ordni ta' probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------